MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2013

Numru. 934/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Malcolm Bondin**

**VS**

**Olga Lucia Rativa Restrepo, bint il-mejjet Jose' Rativa u Miryam Restrepo, imwielda Armenia, Quindio, Kolombja, nhar it-22 ta' Marzu, 1974, residenti gewwa Kamra 322, Alexandra Hotel, Triq il-Knisja, San Giljan, detentrici ta' passaport Kolombjan Numru CC41935793;**
**U Sandra Castano Castano, bint il-mejtin Guillermo Lopez u Afra Castano Castano, imwielda Chinchina, Kolombja, nhar is-17 ta' Lulju, 1974, residenti f'Kamra 322, Alexandra Hotel, Triq il-Knisja, San Giljan, detentrici tal-passaport Spanjol Numru BD812591**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Olga Lucia Rativa Restrepo** u **Sandra Castano Castano,** li gew akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, jew barra minn dawn il-Gzejjer, nhar il-11 ta' Settembru, 2012, u fil-jiem ta' qabel:

a. Assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer, jew barra minn dawn il-Gzejjer, sabiex ibieghu jew jitraffikaw f'dawn il-Gzejjer, medicina (kokaina) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ippromovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw tali assoccjazzjoni, sabiex tigi mportata f'Malta d-droga kokaina, u dan bi ksur tal-Artikolu 22(1) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. U aktar talli mportaw, jew gieghlu li tigi mportata jew ghamlu xi haga biex tigi mportata medicina perikoluza (kokaina) f'Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. U aktar talli kellhm fil-pussess taghhom id-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija, u meta ma kinux b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom id-droga msemmija fil-pussess taghhom, u naqsu li jippruvaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta (folio 4).

Rat illi fi stadju ta' interrogatorju, l-imputati rregistraw l-ammissjoni taghhom li rtiraw ftit aktar tard.

Rat illi ghal diversi drabi, l-Ufficjal Prosekutur iddikkjara li z-zewg akkuzati kellhom jibbenefikaw mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Xehed l-Ispettur Malcolm Bondin li qal illi fuq sejba ta' sustanza allegata droga fuq zewg nisa gejjin minn Madrid, dawn l-imputati kienu ngabu l-Kwartieri Generali fejn gew mitkellma minnu (bl-ghajnuna ta' Imelda Fede bhala nterpretu). Prezenta ghalhekk l-istqarrija minnhom rilaxxata, Dok SCCa folio 37 dik ta' Sandra Castano Castano; u Dok OLRR a folio 40 dik ta' Olga Lucia Rativa Restrepo.

Xehed ukoll illi Olga Lucia anke kkonfermat l-istess stqarrija taghha bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, u tat informazzjoni bizzejjed biex ghalhekk tibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Gie prezentat ghalhekk il-proces verbal dwar tali sejba. Ghalhekk xehed Godwin Sammut – l-espert mahtur biex janalizza din is-sustanza misjuba fil-bagalji tal-akkuzati, u anke fil-kaz ta' wahda minnhom fil-parti genitali taghha. Ikkonkluda:
"*Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 243_12_01 u nstabet is-sustanza kokaina. Il-piz tat-trab kien ta' 493 grammi u l-purita' kienet ta' circa 32%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Skont il-Malta National Report 2008 – 2010 (ara Appendici II), il-valur tal-Kokaina huwa ta' €80 kull gramma. Dan jaghti valur total ta' €39,440.*"

Minn naha taghha WPS 136 Charmaine Persiano xehdet illi hi, flimkien ma' PS 1086, kienet stazzjonata fl-MIA, u

minn flight li dahlet minn Madrid, waqqfu zewg nisa Kolumbjani – wahda Sandra u ohra Lucia. Waqt tfittxija fil-bagalja ta’ Olga, xehdet illi nstab handbag zghir illi fih kellu handbag zghir li kien fih contraceptive mimli b’xi sustanza bajda suspettata droga. Xehdet ukoll illi ghamlet strip search fuq iz-zewg nisa, u rrizultalha li Sandra kellha wkoll kontracettiv fil-parti taghha mimlija bl-istess sustanza bajda. Qalet illi nizzlithom id-Depot biex permezz ta’ interpretu jaghmlu kuntatt maghhom ahjar. Ziedet illi waqt li kienu hemm, Sandra bdiet taghmlilhom il-mossi, dehret mugugha u li riedet tohrog xi haga. Haditha x-xhud stess go kamra u hemm tatha minn jeddha kontracettiv. Xehdet illi dawn iz-zewg nisa ndikawlhom li xtaqu jkomplu b’din il-bicca xoghol, u ghalhekk flimkien mal-interpretu marru anke l-Alexandra Hotel.
In kontro ezami, ikkonfermaw illi dawn riedu jghinu lill-pulizija, riedu jmorru l-Alexandra Hotel fejn kellhom jistennew lil xi hadd ihabbat il-bieb.

PS 1086 Johann Micallef ikkonferma dak illi xehdet WPS 136 – cioe’ anke li nstab pakkett suspettuz fil-bagalja ta’ Olga; li Sandra kellha xi haga fil-parti taghha; li riedu t-tnejn jikkoraboraw mal-pulizija; li tkellmu mal-Avukat taghhom; li ghamlu check-in fl-Alexandra Hotel; kienu fil-Kamra 322. Hemm qaghdu jistennew.

PS 644 Evan Camilleri kien mahtur fl-Inkjesta bhala fotografu. Ezebixxa ghalhekk relazzjoni bir-ritratti tas-sejba fil-faxxiklu Dok EC.

Alex Casha minn naha tieghu, in rapprezentanza ta’ Ryan Air, ikkonferma anke hu billi pprezenta d-dokument AC a folio 96, illi l-imputati gew Malta minn Madrid fil-hdax(11) ta’ Settembru.

Dr Martin Bajada, minn naha tieghu prezenta, wara li rcieva nkarigu kemm fl-Inkjesta kif ukoll fl-Istruttorja, ir-relazzjoni tieghu Dok MB.

Minhabba messaggi li rrizultaw fic-cellulari ezebiti u ezaminati minn Dr Martin Bajada, liema messaggi kienu bil-lingwa Spanjola, din il-Qorti hatret lil Imelda Fede biex

taghmel traduzzjoni tal-istess, prezentata ghalhekk din bhala Dok IF.

L-Ispettur Malcolm Bondin, minn naha tieghu kkonferma x-xhieda guramentata li tat Olga Restrepo ezebita a folio 110 et seq.

Maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, intbaghtet anke l-Kontro Ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kif gia’ ntqal, Olga Restrepo kienet igguramentat l-istqarrija minnha rilaxxata quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Ghalhekk fil-fatt, fil-mori ta’ dawn il-proceduri – fi zmien bikri tal-istess, il-Prosekuzzjoni ddikkjarat illi l-istess Restrepo kienet tista’ tibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-imputati ghazlu wkoll illi jixhdu viva voce. Minn naha taghha, Restrepo ghalhekk qalet illi kienet waslet minn Spanja fejn kienet ilha tghix ghal erbatax(14)-il sena. Kellha zewgt(2) itfal li kienet tiehu hsieb hi wahidha minghajr ghajnuna. Spjegat illi minhabba s-sitwazzjoni ekonomika gewwa Spanja, hi kienet ghaddejja minn sitwazzjoni finanzjarja prekarja - xoghol ma kellhix u hadd ma kien jghinha tmantni lil uliedha. Spjegat illi kienet harget ma’ habiba taghha fejn iltaqghu ma’ tfajla li hajrithom jaghmlu vjagg lejn Malta, accettat ghaliex kellha bzonn il-flus. Xehdet illi din it-tfajla qaltilha biex tigi Malta u tmur l-Alexandra Hotel. Qalet illi darba hawn Malta, hi kienet ikkoperat mal-pulizija. Ziedet illi din it-tfajla kien jisimha Cecilia Latimi. Ma kinitx tafha qabel. Qalet illi qabel, f’okkazjoni ohra hawn Malta, kienet iltaqghet ma’ ko-nazzjonal taghha – certu Wilder, saret hbieb mieghu. Darba lura lejn Spanja, anke qaghdet ghandu u kien hu li pproponhielha dan il-vjagg lejn Malta biex taghmel il-bicca tax-xoghol (dik ta’ mule), imbaghad iltaqghet ma’ Cecilia. Xehdet illi dan ipproponhielha li tigi hawn Malta u ggib id-droga maghha. Fil-fatt kienet cemplitilha din it-tfajla li talbitha tiltaqa’ maghha gewwa d-discoteka. Kellha tqieghed id-droga gol-parti taghha u ta’ hekk kienet ser tiehu elf Ewro (€1,000). Qalet illi anke minhabba n-nuqqas

ta’ flus, kienu offrewlha tmur l-Italja u tahdem ta’ prostituta. Spjegat illi tant kienet iddisprata, li meta offrewlha din il-bicca tax-xoghol, ma rat xejn aktar. Regghet iltaqghet ma’ din il-mara li haditilha d-dettalji biex taqtaghlha l-vjagg u qaltilha li kellu jmur guvni jgibilha d-droga. Ziedet illi l-gurnata ta’ wara cemplilha guvni u ltaqghet mieghu. Taha basket u telaq. Fih kien hemm id-droga u l-passagg. Qalet illi meta giet Malta, id-droga kienet fil-bagalja ghaliex qabel kienet fil-parti intima taghha, bdiet iddejjaqha, nehhietha u qieghditha fil-bagalja.
Darba hawn Malta, kellha tmur gol-Milano Due. Kellha taghti d-droga lil certu Wilder. Ziedet illi hi kienet qalet b’dan kollu lill-pulizija. Ziedet ukoll illi talli ghenet lill-pulizija, il-familja taghha – uliedha, bdew jigu mhedda. Ziedet anke li gewwa l-Habs irceviet certi avvertimenti biex ma tixhidx.

Il-ko-imputata Sandra Castano Castano xehdet ukoll illi hi kellha erbat(4) itfal, u li kienet giet abbandunata minn zewgha. Qalet illi kienet tahdem go petrol station, pero spiccat bla xoghol. Lanqas ma kienet tircievi l-paro cioe’ social services relief. Qalet illi kienet anke waqfet thallas l-ipoteka fuq id-dar, u kienet qed tircievi ghajnuna minghand ir-Red Cross. Kienet din ir-raguni u minhabba s-sitwazzjoni ekononika fi Spanja, li ddecidiet tigi hawn Malta bid-droga. Kellha taqla’ elf Ewro (€1,000) ta’ dan. Wahda mill-lukandi li ftakret kienet Alexandra.
Xehdet illi d-droga taghha kellha ggib piz ta’ circa mitejn(200) gramma, imdahhla f’condom. Spjegat illi kienet it-tfajla li ltaqghet maghha fid-discoteka - certu Caroline, li tat l-istruzzjonijiet lilha u lil habibitha (ghalina l-ko-imputata). Anke fil-kaz taghha kien guvni li ghaddielha d-droga. Qalet illi darba hawn Malta, anke hi kkoperat mal-pulizija. Xehdet illi anke hi rceviet theddid minhabba l-fatt illi kkoperat mal-pulizija.

Ikkunsidrat, wara li semghet il-trattazzjonijiet tal-partijiet:

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tibda biex tghid illi taqbel ma’ dak sottomess mid-Difiza, u cioe’ illi certament minn imkien mill-provi ma jirrizulta li dawn iz-zewg nisa akkuzati jistghu

jinstabu hatja ta' assoccjazzjoni. Ma gie qatt pruvat dak il-ftehim jew kongura vera u serja li ggib maghha l-ftehim, hsieb u ppjanar li trid il-Ligi biex jigi ppruvat tali reat ta' assoccjazzjoni. Ghaldaqstant, qed jigu liberati mill-ewwel(1) akkuza.
Huma hatja pero taz-zewg akkuzi l-ohra, cioe' ta' mportazzjoni u pussess aggravat tad-droga eroina, in vista' ta' dak premess, b'dan pero li l-akkuza tal-pussess aggravat, hija wahda kompriza u nvoluta f'dik ta' importazzjoni.

Illi rat ukoll il-Qorti, illi l-Ufficjal Prosekutur iddikkjara li z-**zewg imputati** kellhom jibbenefikaw mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Zied illi minhabba l-koperazzjoni taghhom, waslu biex jitressqu quddiem il-Qorti hames persuni ohra.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti, qieghda ssib htija wara li rat ir-Raba' Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 22(1), 22(1B), u 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; GN 292/1939; LN 101.2002.

Dwar il-piena, semghet liz-zewg imputati jitolbu mahfra ta' azzjoniethom, anke wrew rimors kbir ta' dak illi ghamlu. It-tnejn bkew waqt id-deposizzjoni taghhom, u spjegaw id-diffikultajiet finanzjarji li t-tnejn sabu ruhhom fihom – ghalhekk accettaw illi jsiru "drug mules".

Illi l-Qorti tifhem u taghdirhom ghax li tghix u tghajjex familja bla flus, f'pajjiz b'sitwazzjoni finanzarja prekarja, certament xejn mhu facli. Pero, ebda hazen ma jista' qatt jigi gustifikat anke jekk rinfaccati b'sitwazzjoni ddisprata. Certa l-Qorti li dan ir-rimors immanifesta ruhu biss ghax inqabdu.

Dwar il-piena, hadet ukoll in konsiderazzjoni tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda ghalhekk tikkundannahom ghal piena karcerarja ta' sentejn(2) kull wiehed, u ghal multa ta' erbat elef Ewro €4,000 kull wiehed.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lill-imputati kull wiehed, ghall-hlas tal-espejjez peritali fl-ammont ta' €734.95

Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga ezebita li ggib in-numru KB403.2012; u b'dan tinnotifika lir-Registratur tal-Qorti Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------